A.L. 148 ta' l-2006

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti ta' l-2006 dwar l-Interoperabbiltà ta' Sistemi Elettroniċi għall-Ħlas ta' Taxxi għall-Użu ta' Toroq

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, u l-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar l-Interoperabbiltà ta' Sistemi Elettroniċi għall-Ħlas ta' Taxxi għall-Użu ta' Toroq.

Interpretazzjoni.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:-

"id-Direttiva" tfisser Direttiva 2004/52/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-Interoperabbiltà ta' Sistemi Elettroniċi dwar Taxxi Stradali fil- Komunità.

Applikabbiltà.

3. Id-disposizzjonijiet tad-Direttiva li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw kemm-il darba tiġi stabbilita sistema elettronika ta' taxxi għar-rigward ta' xi triq f'Malta.

SKEDA

(Regolament 3)

Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April, 2004

dwar l-interoperabbiltà ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi għar-rigward ta' toroq fil-Komunità

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Waqt li mxew skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

Billi:

(1) Bir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar l-iżvilupp tat-telematika dwar it-trasport stradali, partikolarment dwar il-ġbir ta' ħlasijiet elettronikament (ĠĦE) [4], il-Kunsill talab lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġija ta' konverġenza ta' sistemi ta' ĠĦE biex jinkiseb livell xieraq ta' interoperabbiltà fuq livell Ewropew. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi interoperabbli ta' ġbir ta' taxxi elettronikament fl-Ewropa kienet l-ewwel stadju ta' din l-istrateġija.

(2) Il-maġġoranza ta' Stati Membri li stallaw sistemi elettroniċi għall-ġbir tat-taxxi dwar l-użu tat-toroq biex jiffinanzjaw l-ispejjeż għall-infrastruttura tat-toroq jew biex jiġbru t-taxxi għall-użu tat-toroq (hawn iżjed 'il quddiem flimkien jissejħu "sistemi elettroniċi għal ġbir ta' taxxi dwar l-użu tat-toroq") jużaw teknoloġija ta' *microwave* b'distanza qasira u frekwenzi qrib il-5,8 GHz, iżda dawn is-sistemi bħalissa ma humiex totalment kompatibbli. Ix-xogħol fuq it-teknoloġija tal-*microwave* imwettaq mill-Kumitat Ewropew dwar Standardizzazzjoni (CEN) irriżulta f'Jannar ta' l-2003 fit-tħejjija ta' standards tekniċi li jwasslu għal kompatibbiltà ta' sistemi elettroniċi ta' *microwaves* ta' 5,8 GHz għall-ġbir ta' taxxi stradali, wara li ġew adottati *pre-*

standards fl-1997. Madankollu, dawn il-*pre-standards* ma jkoprux is-sistemi kollha ta' komunikazzjonijiet ta' distanza qasira dedikati (DSRC) ta' 5,8 GHz li jitħaddmu fil-Komunità u jħaddnu żewġ varjanti li ma humiex kompatibbli għal kollox. Huma bbażati fuq il-mudell ta' sistemi ta' interkonnessjoni miftuħa mfissra mill-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar Standardizzazzjoni għal komunikazzjoni bejn sistemi ta' kompjuter.

(3) Produtturi ta' tagħmir u amministraturi ta' l-infrastruttura b'danakollu ftiehmu, fi ħdan il-Komunità, li jiżviluppaw prodotti interoperabbli bbażati fuq sistemi eżistenti ta' DSRC ta' 5,8 GHz. It-tagħmir li jeħtieġ li jkun disponibbli għal dawk li jużawh għandu skond dan ikun kapaċi li jikkomunika mat-teknoloġiji li jistgħu jintużaw biss f'sistemi elettroniċi ġodda għall-ġbir ta' taxxi stradali li għandhom jiġu użati fil-Komunità wara l-1 ta' Jannar 2007, jiġifieri teknoloġija ta' pożizzjonar bis-satellita, teknoloġija ta' komunikazzjoni mobbli li tuża l-istandard GSM-GPRS u teknoloġija ta' *microwave* b' 5,8 GHz.

(4) Hu essenzjali li x-xogħol ta' standardizzazzjoni jintemm kemm jista' jkun malajr biex jiġu stabbiliti standards tekniċi li jiżguraw kompatibbiltà teknika fost is-sistemi elettroniċi għall-ġbir ta' taxxi għall-użu tat-toroq bażati fuq teknoloġija ta' *microwave* b'5,8GHz u fuq teknoloġiji ta' pożizzjonar bis-satelliti u komunikazzjonijiet mobbli, biex tiġi evitata aktar frammentazzjoni tas-suq.

(5) Hu meħtieġ li wieħed jaħseb għal firxa kbira ta' sistemi elettroniċi għall-ġbir tat-taxxa għall-użu tat-toroq fl-Istati Membri u l-pajjiżi ġirien, u qed jikber il-bżonn li jkun hemm sistemi interoperabbli adatti għall-iżvilupp fil-ġejjieni ta' politika dwar it-taxxi għall-użu tat-toroq f'livell ta' Komunità u għal żviluppi fit-teknoloġija tal-ġejjieni.

(6) Is-sistemi elettroniċi għall-ġbir tat-taxxa għall-użu tat-toroq għandhom ikunu interoperabbli u bbażati fuq standards miftuħa u pubbliċi, disponibbli fuq bażi mhux diskriminatorja għall-forniturі kollha tas-sistemi.

(7) Fid-dħul tas-sistemi elettroniċi ġodda għall-ġbir tat-taxxi għall-użu tat-toroq, għandu jkun hemm tagħmir disponibbli biżżejjed biex tiġi evitata diskriminazzjoni bejn l-intrapriżi konċernati.

(8) B'mod partikolari, minħabba l-flessibbiltà u l-versatilità kbira tagħhom, l-applikazzjoni tat-teknoloġiji ġodda dwar pożizzjonar bis-satelliti (GNSS) u komunikazzjonijiet mobbli (GSM/GPRS) għal sistemi elettroniċi dwar ġbir tat-taxxi għall-użu tat-toroq jistgħu jservu biex jintlaħqu l-ħtiġiet tal-politika ġdida dwar il-ħlasijiet ta' taxxi għall-użu tat-toroq ippjanati fuq livelli ta' Komunità u ta' Stati Membri. Dawn it-teknoloġiji jagħmluha possibbli li n-numru ta' kilometri koperti għal kull kategorija ta' toroq jiġu magħduda mingħajr il-bżonn ta' investiment li jiswa l-flus fl-infrastruttura. Dawn ukoll jiftħu l-bieb għal servizzi oħra dwar sigurtà u informazzjoni għall-vjaġġaturi, bħal ma hu l-allarm awtomatiku li jaħdem minn vettura involuta f'xi aċċident u jindika l-pożizzjoni tagħha, u informazzjoni fil-ħin veru dwar kondizzjonijiet ta' traffiku, livelli ta' traffiku u ħinijiet tal-vjaġġi. Dwar il-pożizzjonar bis-satellita, il-proġett Galileo mniedi mill-Komunità fl-2002 hu maħsub

biex jipprovdi, mill-2008, servizzi ta' informazzjoni ta' kwalità aħjar minn dik provduta bis-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita tal-lum u li huma l-aħjar għal servizzi telematiċi tat-toroq. Is-sistema prekursura Ewropea dwar servizzi ġeostazzjonarji ta' navigazzjoni *overlay* (EGNOS) tkun diġà qed titħaddem fl-2004, u tkun tagħti l-istess riżultati. Madankollu, dawn is-sistemi ġodda jistgħu joħolqu problemi ta' kredibbiltà f'dawk li huma kontrolli u prevenzjoni ta' frodi. Madankollu, minħabba l-vantaġġi konsiderevoli msemmija hawn fuq, l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ta' pożizzjonar bis-satellita u komunikazzjonijiet mobbli hi fil-prinċipju rakkomandabbli fid-dħul ta' sistemi elettroniċi ġodda għall-ġbir tat-taxxi għall-użu tat-toroq.

(9) It-tixrid ta' teknoloġiji għal sistemi elettroniċi għall-ġbir tat-taxxi għall-użu tat-toroq li diġà qegħdin fl-użu jew ippjanati għas-snin li ġejjin (prinċipalment *microwave* b'5,8 GHz, pożizzjonar bis-satellita u komunikazzjonijiet mobbli) u t-tixrid ta' speċifikazzjonijiet imposti mill-Istati Membri u pajjiżi ġirien għas-sistemi tagħhom dwar il-ġbir ta' taxxi għall-użu tat-toroq jistgħu jikkompromettu ż-żewġ għanijiet tal-politika dwar it-tħaddim bla xkiel tas-suq intern u dik tat-trasport. Sitwazzjoni bħal din tista' twassal għal tixrid ta' kaxxi elettroniċi mhux kompatibbli u li jiswew il-flus fil-kabini tas-sewwieqa ta' vetturi għall-ġarr ta' merkanzija tqila, u għal żbalji li jistgħu jagħmlu s-sewwieqa meta jużawhom bir-riżultat, per eżempju, li mingħajr ebda ħsieb il-ħlas ikun ġie evitat. Tixrid bħal dan ma hux aċċettabbli għal min juża u jimmanifattura vetturi għal raġunijiet ta' spejjeż, sigurtà u dawk legali.

(10) Għandhom jitneħħew il-barrieri artifiċjali għat-tħaddim tas-suq intern, filwaqt waqt li l-Istati Membri u l-Komunità jitħallew jimplimentaw varjetà ta' forom ta' politika għat-tipi kollha ta' vetturi fuq livell lokali, nazzjonali jew internazzjonali. It-tagħmir stallat ġo vetturi għandu jippermetti l-implimentazzjoni ta' dawn il-forom ta' politika diversa dwar il-ġbir ta' taxxi dwar l-użu tat-toroq skond il-prinċipji mhux diskriminatorji ta' bejn iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kollha. L-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi dwar il-ġbir tat-taxxi għall-użu tat-toroq f'livell ta' Komunità għandha għalhekk tiġi żgurata kemm jista' jkun malajr.

(11) Is-sewwieqa huma leġittimament interessati li jaraw titjib ta' kwalità tas-servizz fl-infrastruttura tat-toroq, speċjalment fi ġranet ta' attività kbira u f'ċerti postijiet b'konġestjoni partikolari ta' traffiku fin-*network* tat-toroq. It-tifsira tas-servizz elettroniku Ewropew dwar it-taxxa stradali għandha bżonn tindirizza dak l-interess. Barra dan għandha wkoll issir disposizzjoni li tiżgura li t-teknoloġiji u komponenti li hemm maħsub għalihom ikunu jistgħu, safejn ikun teknoloġikament possibbli, jingħaqdu ma' komponenti ta' vetturi oħra, b'mod partikolari l-kapaċitajiet tat-takografu elettroniku u tas-sejħiet ta' emerġenza. Sistemi intermodali m'għandhomx jitħallew barra fi stadju aktar tard.

(12) L-għażla li wieħed ikollu aċċess għal applikazzjonijiet oħra tal-futur minbarra l-ġbir tat-taxxa stradali għandha tiġi żgurata billi jitwaħħal tagħmir xieraq.

(13) Servizz elettroniku Ewropew ta' ġbir ta' taxxa stradali għandu joħloq interoperabbiltà fuq livel tekniku, kontrattwali u proċedurali, li tkopri:

(a) kuntratt wieħed bejn il-klijenti u l-operaturi li joffru s-servizz, li jħares sett ta' regoli kontrattwali li jippermettu lill-operaturi u, jew fornituri kollha li jipprovdu s-servizz, u li jagħti aċċess għan-*network* kollu;

(b) sett ta' standards u ħtiġiet tekniċi li jippermettu lill-industrija li tipprovdi t-tagħmir meħtieġ għall-provvista tas-servizz.

(14) Interoperabbiltà kontrattwali toħloq il-potenzal ta' faċilitazzjoni importanti għal xi whud li jużaw it-toroq u għal ekonomiji sinifikanti fl-amministrazzjoni għal dawk li jużaw it-toroq kummerċjalment.

(15) Sistemi elettroniċi għal ġbir ta' taxxi għall-użu tat-toroq jikkontribwixxu sostanzjalment għat-tnaqqis ta' riskji f'aċċidenti, u għalhekk ikattru s-sigurtà fit-toroq, u għal tnaqqis fin-numru ta' transazzjonijiet ta' flus u għal tnaqqis ta' konġestjonijiet f'ċentri fejn jinġabru t-taxxi stradali, speċjalment fi ġranet ta' attività kbira. Inaqqsu wkoll l-impatt ambjentali negattiv ta' stennija u startjar mill-ġdid ta' vetturi u ta' konġestjoni, kif ukoll l-impatt ambjentali relatat ma' l-istallazzjoni ta' *gates* ġodda fejn titħallas it-taxxa stradali jew mat-tkabbir ta' stazzjonijiet li fihom tinġabar it-taxxa stradali.

(16) Il-*White Paper* dwar il-Politika Ewropea dwar it-Trasport għas-sena 2000 fiha l-għanijiet tas-sigurtà u l-fluwidità tat-traffiku fit-toroq. Servizzi u sistemi intelliġenti u interoperabbili ta' trasport huma għodda ewlenija fil-kisba ta' dawn l-għanijiet.

(17) L-introduzzjoni ta' sistemi elettroniċi għall-ġbir ta' taxxi għall-użu ta' toroq jinvolvu l-ipproċessar ta' informazzjoni personali. Proċessar bħal dan għandu jitwettaq skond regoli tal-Komunità, kif preskritti, inter alia, fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru, 1995 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' informazzjoni personali u tal-moviment ħieles ta' informazzjoni bħal din [5] u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju, 2002 dwar l-ipproċessar ta' informazzjoni personali u l-ħarsien ta' privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika [6]. Id-dritt għall-ħarsien ta' informazzjoni personali hu konoxxut espliċitament bl-Artikolu 8 tal-Karta dwar Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

(18) Tnaqqis awtomatiku ta' taxxi għall-użu ta' toroq minn kontijiet f'banek jew minn kontijiet ta' kreditu/debitu domiċiljati fejn ikun, fil-Komunità u lil hinn minnha, isir bil-kondizzjoni li jkun hemm żona għall-ħlasijiet tal-Komunità li taħdem kif jixraq bi ħlasijiet għal servizzi li ma jkunux diskriminatorji.

(19) Sistemi elettroniċi għall-ġbir ta' taxxi għall-użu ta' toroq li jitqiegħdu f'posthom fl-Istati Membri għandhom iħarsu l-kriterji fundamentali li ġejjin> is-sistema trid tkun tista' tippermetti l-inkorporazzjoni ta' titjib u żviluppi teknoloġiċi tal-futur mingħajr il-bżonn li jiswa ħafna flus tat-tneħħija ta' mudelli u metodi qodma, l-ispejjeż ta' l-adozzjoni tagħha minn dawk li jużaw it-toroq kummerċjalment u privatament għandhom ikunu insinifikanti meta paragunati mal-benefiċċji għal dawk li jużaw it-toroq kif ukoll għas-soċjetà in ġenerali, u l-implimentazzjoni tagħha f'kull Stat Membru ma tridx diskrimina fl-ebda aspett tagħha bejn l-utenti tat-toroq tal-post u dawk minn Stati Membri oħra.

(20) La darba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-interoperabbiltà ta' sistemi elettroniċi għall-ġbir tat-taxxi għall-użu tat-toroq fis-suq intern u l-introduzzjoni ta' servizz elettroniku Ewropew għall-ġbir tat-taxxi stradali li jkopri n-*network* tat-toroq kollha tal-Komunità li fuqhom titħallas taxxa, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba d-dimensjoni Ewropea tagħhom, jintlaħqu aħjar fuq livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tieħu miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif preskritt fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità kif preskritt f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(21) Wieħed irid ukoll jaħseb għall-inklużjoni ta' partijiet interessati (bħal operaturi tas-servizz tal-ġbir tat-taxxa, amministraturi ta' l-infrastruttura, l-industrija ta' l-elettronika u tal-karrozzi u l-utenti tat-toroq) fil-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-aspetti tekniċi u kontrattwali fil-ħolqien ta' servizz elettroniku Ewropew għall-ġbir tat-taxxa stradali. Meta xieraq, il-Kummissjoni għandha wkoll tikkonsulta ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jkunu attivi fil-qasam tal-ħarsien tal-privatezza, tas-sigurtà fit-toroq u ta' l-ambjent.

(22) Biex jiġi stabbilit is-servizz elettroniku Ewropew għall ġbir tat-taxxi stradali għandu l-ewwel ikun hemm il-ħtieġa li jiġu stabbiliti linji ta' gwida li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat dwar il-Ġbir tat-Taxxi Stradali Elettronikament stabbilit b'din id-Direttiva.

(23) Din id-Direttiva ma taffettwax il-libertà ta' l-Istati Membri li jippreskrivu regoli dwar ħlasijiet għall-infrastruttura tat-toroq u kwistjonijiet ta' tassazzjoni.

(24) Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju, 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni [7],

ADOTTAW DIN ID-DIRETIVA:

Artikolu 1

Objettiv u għan

1. Din id-Direttiva tippreskrivi l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi għall-ġbir tat-taxxi għall-użu ta' toroq fil-Komunità. Tapplika għall-ġbir elettronikament ta' kull tip ta' taxxa għall-użu ta' toroq, fin-*network* kollu tat-toroq fil-Komunità, fl-ibliet u bejn l-ibliet, l-awtostradi, toroq prinċipali u żgħar, u strutturi diversi bħal mini, pontijiet u postijiet fejn isiru s-servizzi tal-laneċ.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

(a) sistemi ta' ġbir ta' taxxi għall-użu ta' toroq li għalihom ma jeżistux mezzi elettroniċi dwar il-ġbir tat-taxxi;

(b) sistemi elettroniċi għal ġbir ta' taxxi għall-użu ta' toroq li m'għandhomx bżonn l-istallazzjoni ta' tagħmir fuq il-post.

(ċ) sistemi żgħar, strettament għall-ġbir ta' taxxi lokali għall-użu ta' toroq li għalihom l-ispejjeż biex ikunu konformi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva ma jkunux fi proporzjon għall-benefiċċji.

3. Biex jinkiseb l-għan preskritt fil-paragrafu 1, għandu jinħoloq servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir ta' taxxi għall-użu ta' toroq. Dan is-servizz, li jikkumplimenta s-servizzi elettroniċi nazzjonali dwar il-ġbir tat-taxxi stradali ta' l-Istati Membri, għandu jiżgura l-interoperabbiltà fil-Komunità kollha, għal dawk li jużaw is-sistemi elettroniċi għall-ġbir tat-taxxi stradali li jkunu diġà ġew introdotti fl-Istati Membri u għal dawk li għad jiddaħħlu fil-futur fil-qafas ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Soluzzjonijiet teknoloġiċi

1. Is-sistemi elettroniċi ġodda kollha dwar il-ġbir tat-taxxi stradali li jiddaħħlu fis-servizz fl-1 ta' Jannar, 2007 jew wara għandhom, biex jagħmlu transazzjonijiet elettroniċi dwar ġbir ta' taxxi stradali, jużaw waħda jew iżjed mit-teknoloġiji li ġejjin>

(a) pożizzjonar bis-satellita;

(b) komunikazzjonijiet mobbli bl-użu ta' l-istandard referenzali GSM-GPRS (referenza GSM TS 03.60/23 060);

(ċ) teknoloġija ta' *microwave* b'5,8 GHz.

2. Is-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxa stradali għandu jiddaħħal fis-servizz skond l-Artikolu 3(1). Operaturi għandhom jagħmlu disponibbli għal dawk interessati li jużawh tagħmir ta' fuq il-post li jkun adatt għal użu mas-sistemi elettroniċi kollha għall-ġbir tat-taxxi stradali li jkunu fis-servizz fl-Istati Membri li jużaw it-teknoloġiji msemmija fil-paragrafu 1 u li jkun adatt għal użu fit-tipi kollha ta' vetturi, skond il-kalendarju preskritt fl-Artikolu 3(4). Dan it-tagħmir għandu għall-inqas ikun interoperabbli u kapaċi jikkomunika mas-sistemi kollha li joperaw fl-Istati Membri li jużaw waħda jew aktar mit-teknoloġiji elenkati fil-paragrafu 1. L-arranġamenti dettaljati f'dan ir-rigward għandhom ikunu stabbiliti mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 5(1), inklużi arranġamenti għad-disponibbiltà ta' tagħmir fuq il-post biex ilaħħaq mad-domanda ta' dawk interessati li jużawh.

3. Hu rakkomandat li s-sistemi elettroniċi kollha għall-ġbir tat-taxxi stradali jiddaħħlu fis-servizz wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva bl-użu tat-teknoloġiji ta' pożizzjonar bis-satelliti u komunikazzjonijiet mobbli elenkati fil-paragrafu 1. Dwar il-possibbiltà ta' emigrazzjoni għal sistemi li jużaw dawn it-teknoloġiji minn sistemi li jużaw teknoloġiji oħra, il-Kummissjoni, b'koordinazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu

5(1), għandha tħejji rapport sa l-31 ta' Diċembru 2009. Dan ir-rapport għandu jinkludi studju dwar l-użu ta' kull waħda mit-teknoloġiji msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll eżerċizzju dwar il-valur mistenni għan-nefqa involuta. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tibgħat proposta mar-rapport lill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal strateġija ta' emigrazzjoni.

4. Bla ħsara għall-paragrafu 1, it-tagħmir ta' fuq il-post jista' jkun ukoll adatt għal teknoloġiji oħra, bil-kondizzjoni li dan ma jwassalx għal xi piż ieħor għal dawk li jużawh jew joħloq xi diskriminazzjoni bejniethom. Meta rilevanti, tagħmir ta' fuq il-post jista' jkun ukoll konness mat-takografu elettroniku tal-vettura.

5. Meta Stati Membri jkollhom sistemi għall-ġbir tat-taxxa stradali, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżdied l-użu tas-sistemi elettroniċi għall-ġbir tat-taxxi stradali. Għandhom jagħmlu li jistgħu biex jiżguraw li, sa l-1 ta' Jannar l-aktar tard, għallinqas 50 % tat-traffiku miexi f'kull stazzjon ta' ġbir tat-taxxa stradali jkun jista' juża sistemi elettroniċi għall-ġbir tat-taxxa. *Lanes* użati għall-ġbir elettroniku tat-taxxa stradali jistgħu jintużaw ukoll għall-ġbir tat-taxxa b'mezzi oħra, fil-ħarsien tas-sigurtà.

6. Xogħol ta' interoperabbiltà fuq teknoloġiji eżistenti għall-ġbir tat-taxxi stradali li jitwettaq b'konnessjoni mas-servizz elettroniku Ewropew dwar il-ġbir tat-taxxa għandu jiżgura l-kompatibbiltà u l-*interfacing* kollu ta' dawk it-teknoloġiji mat-teknoloġiji msemmija fil-paragrafu 1 u tat-tagħmir tagħhom ma' xulxin.

7. Stati Membri għandhom jiżguraw li l-ipproċessar ta' informazzjoni personali meħtieġ għat-tħaddim tas-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali jitwettaq skond ir-regoli tal-Komunità li jħarsu l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali ta' l-individwi, inkluża l-privatezza tagħhom, u li, b'mod partikolari, id-disposizzjonijiet tad-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE jiġu mħarsa.

Artikolu 3

Twaqqif ta' servizz elettroniku Ewropew għall-ġbir tat-taxxi dwar l-użu tat-toroq

1. Għandu jitwaqqaf servizz elettroniku Ewropew għall-ġbir tat-taxxi stradali li jinkorpora fih in-*networks* kollha tat-toroq fil-Komunità li għalihom jitħallsu elettronikament taxxi jew ħlasijiet oħra għall-użu tat-toroq. Dan is-servizz elettroniku dwar ġbir tat-taxxi għall-użu tat-toroq jiġi definit b'sett ta' regoli kontrattwali li jippermettu lill-operaturi u, jew fornituri kollha li jipprovdu servizz, sett ta' standards u ħtiġiet tekniċi u kuntratt wieħed ta' sottoskrizzjoni bejn il-klijenti u l-operaturi u, jew fornituri li joffru s-servizz. Dan il-kuntratt għandu jagħti aċċess għas-servizz fin-*network* kollu u sottoskrizzjonijiet ikunu disponibbli mill-operatur ta' kull parti min-*network* u, jew mill-fornitur.

2. Is-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali għandu jkun indipendenti mid-deċiżjonijiet fundamentali meħuda minn Stati Membri li jimponu ħlasijiet fuq tipi ta' vetturi partikolari, mil-livell ta' ħlasijiet u mill-għan li għalih dawn il-ħlasijiet jiġu imposti. Għandu jirrigwarda biss il-metodu ta' kif jinġabru t-taxxi jew ħlasijiet oħra għall-użu tat-toroq. Is-servizz għandu jippermetti li kuntratti jiġu konklużi irrispettivament mill-post ta' fejn tkun reġistrata l-vettura, iċ-ċittadinanza tal-

partijiet fil-kuntratt, u ż-żona jew il-punt fin-*network* tat-toroq li dwaru jkun dovut il-ħlas.

3. Is-sistema għandha tippermetti l-iżvilupp ta' intermodalità mingħajr ma toħloq żvantaġġi għal modi oħra ta' trasport.

4. Meta Stati Membri jkollhom sistemi elettroniċi nazzjonali għall-ġbir tat-taxxi stradali, għandhom jiżguraw li l-operaturi u, jew il-fornituri joffru s-servizz elettroniku Ewropew għall-ġbir tat-taxxi stradali lill-klijenti tagħhom skond l-iskeda li ġejja:

(a) għal vetturi kollha ta' aktar minn 3.5 tunnellati metriċi u għal vetturi kollha li jistgħu jġorru aktar minn 9 passiġġieri (sewwieq + 8), l-aktar tard tliet snin wara li jkunu ttieħdu d-deċiżjonijiet dwar it-tifsira ta' servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali, kif imsemmi fl-Artikolu 4(4);

(b) għat-tipi tal-vetturi l-oħra kollha, l-aktar tard ħames snin wara li jkunu ttieħdu d-deċiżjonijiet dwar it-tifsira ta' servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali, kif imsemmi fl-Artikolu 4(4).

Artikolu 4

Karatteristiċi tas-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali

1. Is-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali għandu jkun ibbażat fuq il-punti elenkati fl-Anness ta' din id-Direttiva.

2. Meta xieraq, dan l-Anness jista' jiġi modifikat għal raġunijiet tekniċi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(2).

3. Is-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali għandu juża s-soluzzjonijiet teknoloġiċi msemmija fl-Artikolu 2, bl-użu ta' speċifikazzjonijiet li għandhom ikunu disponibbli pubblikament.

4. Id-deċiżjonijiet dwar it-tifsira tas-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(2), sa l-1 ta' Lulju 2006. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu biss jekk il-kondizzjonijiet kollha, valutati fuq il-bażi ta' studji xierqa, ikunu disponibbli biex l-interoperabbiltà tkun tista' taħdem mill-aspetti kollha, inklużi dawk tekniċi, legali u kummerċjali.

5. Jekk id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ma jkunux meħuda sa l-1 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(2), tistabbilixxi data ġdida sa meta dawn id-deċiżjonijiet iridu jittieħdu.

6. Deċiżjonijiet tekniċi dwar it-twettiq tas-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(2).

7. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-korpi rilevanti dwar standardizzazzjoni, b'mod partikolari ċ-CEN, skond il-proċedura preskritta bid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' standards u regolamenti tekniċi [8], biex jagħmlu kull sforz meħtieġ biex jaddottaw malajr l-istandards applikabbli għas-sistemi elettroniċi dwar ġbir tat-taxxi stradali fir-rigward tat-teknoloġiji elenkati fl-Artikolu 2(1).

8. Tagħmir għas-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali għandu jħares b'mod partikolari l-ħtiġiet tad-Direttivi 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu, 1999 dwar tagħmir tar-radju u tagħmir tat-terminal ta' komunikazzjonijiet u l-għarfien reċiproku tal-konformità tagħhom [9] u d-Direttiva tal-Kunsill 89/336/KEE tat-3 ta' Mejju, 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar kompatibbiltà elettromanjetika [10].

Artikolu 5

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għajnuna tal-Kumitat dwar Ġbir Elettroniku tat-Taxxa Stradali.

2. Meta ssir riferenza għal dan il-papragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, fil-ħarsien tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha. Il-perijodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu 6

Implimentazzjoni

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel l-20 ta' Novembru 2005. Għandhom mill-ewwel jgħaddu lill-Kummissjoni t-test ta'dawk id-disposizzjonijiet, flimkien ma' tabella li tikkorrelata dawk id-disposizzjonijiet ma' din id-Direttiva.

Meta Stati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom riferenza għal din id-Direttiva jew ikun hemm magħhom din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-riferenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 8

Destinatarji

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' April 2004.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. Cox

Għall-Kunsill

Il-President

M. McDowell

[1] ĠU C 32, 05.02.2004, p. 36.

[2] ĠU C 73, tat-23.03.2004, p. 54.

[3] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2003 (għadha m'hix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2004 (ĠU C 95 E, ta' l-20.4.2004, p. 53) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' April 2004.

[4] ĠU C 194, tal-25.06.1997, p. 5.

[5] ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

[6] ĠU L 201, tal-31.07.2002, p. 37.

[7] ĠU L 184, tas-17.07.1999, p. 23.

[8] ĠU L 204, tal-21.07.1998, p. 37. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

[9] ĠU L 91, 07.04.1999, p. 10. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

[10] ĠU L 139, tat-23.05.1989, p. 19. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/68/KEE (ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1).

L-ANNESS

Punti meħtieġa għat-tifsira u l-iskjerament tas-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali.

Il-punti elenkati hawn taħt huma essenzjali għat-tifsira u l-iskjerament tas-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi stradali stabbilit skond id-Direttiva. Dawn il-punti jiddistingwu ruħhom bejn kwistjonijiet tekniċi, proċedurali u legali:

Kwistjonijiet tekniċi:

(a) proċeduri dwar tħaddim tas-servizz: sottoskrizzjoni, struzzjonijiet dwar l-użu, stallazzjoni u twaħħil ta' tagħmir fil-vetturi, proċessar ta' transazzjonijiet fi stazzjonijiet ta' ġbir tat-taxxi stradali jew għal ħlasijiet kontinwi, proċeduri dwar l-irkupru ta' informazzjoni dwar transazzjonijiet fil-każ ta' waqfien jew funzjonament ħażin, sistemi ta' kontroll, fatturar u ġbir ta' somom dovuti, servizz ta' wara l-bejgħ, għajnuna għall-klijent, tifsira tal-livell ta' servizz offrut lill-klijenti; meta jiġu stabbiliti proċeduri operattivi, għandhom jittieħdu f'kunsidrazzjoni l-proċeduri eżistenti fl-Istati Membri;

(b) speċifikazzjonijiet dwar funzjonament tas-servizz: deskrizzjoni tal-funzjonijiet ta' tagħmir fuq il-post u tagħmir ibbażat fuq l-art;

(ċ) speċifikazzjonijiet tekniċi ta' tagħmir ibbażat fuq l-art u fuq il-post li jsostni s-servizz, u l-istandards, proċeduri dwar ċertifikazzjoni u limitazzjonijiet li għandhom jiġu mħarsa;

(d) tnedija u nsegwiment ta' xogħol li jinvolvi korpi ta' standardizzazzjoni, u kull żidiet tekniċi għall-istandards jew *pre-standards* użati, biex tkun żgurata l-interoperabbiltà;

(e) speċifikazzjonijiet dwar l-istallar ta' tagħmir fuq il-post;

(f) mudelli transazzjonali: tifsira preċiża ta' algoritmi transazzjonali għal kull tip differenti ta' taxxa stradali (postijiet fissi għall-ġbir tat-taxxi stradali jew ħlasijiet kontinwi), u tifsira ta' l-informazzjoni mgħoddija bejn tagħmir ta' fuq il-post u dak bażat fuq l-art u tal-forom ta' l-informazzjoni;

(ġ) arranġamenti dwar id-disponibbiltà ta' tagħmir fuq il-post biex ilaħħaq mad-domanda ta' dawk interessati li jużawh;

Kwistjonijiet proċedurali:

(ħ) proċeduri dwar verifika ta' prestazzjoni teknika ta' tagħmir ta' fuq il-post, tagħmir fit-toroq u l-mod kif tagħmir jiġi stallat ġo vetturi;

(i) parametri għall-klassifikazzjoni ta' vetturi: validazzjoni ta' lista Komunitarja ta' parametri tekniċi li minnha Stat Membru jagħżel dawk li jkun jixtieq għall-politika ta'

ħlasijiet tiegħu. Il-parametri għandhom jirrappreżentaw il-karatteristiċi ambjentali, mekkaniċi u fiżiċi tal-vetturi. L-istabbiliment ta' klassijiet ta' vetturi bażati fuq dawk il-parametri jiddeċiedu dwaru l-Istati Membri;

(j) implimentazzjoni ta' proċeduri biex jiġu trattati każi partikolari, bħal kull tip ta' funzjonament ħażin. Dan għandu x'jaqsam b'mod partikolari ma' każi fejn l-operaturi tal-ġbir tat-taxxi stradali u l-klijent ikunu minn pajjiżi differenti;

Kwistjonijiet legali:

(k) validazzjoni tas-soluzzjonijiet tekniċi magħżula vis-a-vis r-regoli tal-Komunità li jħarsu l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali ta' l-individwi, inkluża l-privatezza tagħhom: b'mod partikolari, ikun meħtieġ li tiġi żgurata konformità mad-Direttiva 95/46/KE u d-Direttiva 2002/58/KE;

(l) id-dħul ta' regoli komuni u rekwiżiti minimi li ma jkunux diskriminatorji u li fornituri potenzali tas-servizz għandhom iħarsu meta jagħtu s-servizz;

(m) stima tal-possibbiltà li jiġu armonizzati r-regoli dwar l-infurzar relatati mal-ġbir elettroniku tat-taxxi stradali;

(n) ftehim ta' qabil bejn l-oeratur tas-sistemi tat-taxxi stradali li permezz tiegħu jiġi mplimentat is-servizz elettroniku Ewropew għall-ġbir tat-taxxi stradali, inklużi proċeduri ta' kif għandhom jiġu riżolti l-konflitti.